MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 145/2012

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu lir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-28 ta' Ottubru 1984 u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, cioe D (illum 26 sena), P (illum 24 sena) u M (illum 22 sena), it-tlett itfal ilkoll jahdmu.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Marco Farrugia fil-15 ta' Dicembru 2000 (**Dok A**).

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom tnax il-sena

mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni, stante li t-tfal huma kollha maggorenni u b'impjieg, hija biss r-rikorrenti li tircievi manteniment ghaliha nnifisha. L-esponenti tiddikjara li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat; li in forza taghha huwa eccepixxa :

Illi l-kondizzjonijiet mehtiega skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet) ghall-ksib tad-divorzju huma sodisfatti kif imfisser fir-rikors promotur;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu, 2012;
Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta’ Dicembru 2000 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda arretrati ta’ manteniment dovut mill-intimat;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------